# Mir-Reġistru tal-Imwiet tal-Parroċċa Arċipretali Taż-Żebbuġ, Għawdex

It-Tieni Parti: 1763-1813



HORATIO CAESAR ROGER

*F'din it-tieni parti, sejrin insemmu dawk in-nies li kellhom konnessjoni maż-Żebbuġ u tniżżlu fir-Reġistru tal-Imwiet, l-ewwel volum. Dawn li qegħdin jidhru hawn isfel jew kienu nies importanti, bħal Kappillani u benefatturi, jew mietu b'xi disgrazzja, jew mietu barra mir-raħal, jew li sar kumment fuqhom minn xi Kappillan dwar liema sagramenti ma rċivewx. Il-Kappillani taż-Żebbuġ li jissemmew din id-darba huma Dun Vinċenz Tabone (37) u Dun Ġużepp Speranza (96), waqt li l-qassisin li jissemmew huma Dun Pietru Kożma Aquilina (44), Dun Tumas Saliba (48), Dun Franġisku Manueli (60), Dun Bernard Attard (69) u Dun Mikiel Anġlu Camilleri (73).*




33. Fl-**1 ta' Jannar, 1763**, mietet **Speranza Camilleri**, mart Ġużeppi, ta' 60 sena. Qegħdin insemmuha hawn mhux għax mietet b'xi disgrazzja, imma għall-kumment tal-Kappillan, Dun Vinċenz Tabone, li Speranza, minħabba l-marda tagħha, ma setgħetx titqarben, u għalhekk irċiviet biss is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda.[1] Bint Antonju Caruana u Marija Galea, hija żżewġet lil Ġużeppi Camilleri, bin Ewġenju u Kjara, fl-1 ta' Novemberu, 1722, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Iċ-Ċelebrant kien il-Kappillan Dun Franġisk Vella, waqt li x-xhieda kienu l-Kjerku Tumas Saliba, li wara sar saċerdot, u Ġwanni Aquilina, it-tnejn miż-Żebbuġ.[2] Hija twieldet fiż-Żebbuġ fid-19 ta' Marzu, 1704, u tgħammdet fl-istess jum mill-Kappillan Dun Franġisk Vella fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrinijiet tagħha kienu Tumas Zammit, bin Salvu, sagristan, u Speranza Agius, mart Indrì.[3] Jidher, għalhekk, li b'xi mod Dun Tumas Saliba kien jiġi minn Speranza Caruana. Nafu biss li omm Dun Tumas Saliba kien jisimha Anjeża Caruana. Ir-raġel tagħha, Ġużeppi Camilleri, miet fiż-Żebbuġ fit-30 ta'Mejju, 1779, fl-età ta' 79, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[4] Omm Speranza Camilleri, Antonju Caruana, bin Ġwanni Marija u Margerita, iżżewweġ lil Marija Galea, bint Mikiel u Andreana, fis-17 ta' Awwissu, 1692, fil-Knisja Parrokkjali tal-Għarb.[5] Huwa miet fiż-Żebbuġ fit-18 ta' April, 1744, fl-età ta' 76, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[6] Ommha, Marija Caruana, mietet fiż-Żebbuġ fit-8 ta' Diċembru, 1738, fl-età ta' 70 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[7]




34. Bħal Speranza Camilleri, anke **Vitor Vella**, li miet fis-**26 ta' April, 1763**, fl-età ta' 76, ma setax jirċievi l-vjatku minħabba l-marda tiegħu. Ir-reġistru ma jtina ebda informazzjoni fuq il-qraba tiegħu.[8]




35. Imbagħad, fit-**28 ta' Diċembru, 1763**, ġrat id-disgrazzja ta' **Wistin Saliba**, ħu Dun Tumas (imsemmi fuq {33}), li miet ta' malajr ta' 64 sena wara li waqa b'aċċident fit-taraġ tad-dar tiegħu.[9] Bin Pawlu Saliba u Anjeża Caruana, huwa twieled fiż-Żebbuġ fit-8 ta' Frar, 1698, u tgħammed fl-istess jum mill-Kappillan, Dun Franġisk Vella, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrini tiegħu kienu Dun Wistin Debono, li għalih ġie msemmi, u Grazzja Camilleri, mart Duminku, it-tnejn miż-Żebbuġ.[10] Huwa żżewweġ lil Anġelika Falzon, bint Ambroġju u Katerina, mir-Rabat, fit-22 ta' Settembru, 1720, fil-Knisja ta' San Kożma u San Damjan fir-Rabat. Iċ-Ċelebrant kien Dun Alwiġ Cefai, Viċi-Arċipriet, u x-xhieda kienu Dun Pietru Pawl Farrugia u Duminku Vella.[11]




36. Bħal Wistin Saliba, mietet b'mewta ta' malajr, imma mhux b'disgrazzja **Roża Saliba**, mart Ġużeppi, ta' 45 sena, fid-**9 ta' Ottubru, 1765**.[12]




37. Fis-**6 ta' Novembru, 1765**, iż-Żebbuġ tilef it-tieni Kappillan tiegħu, **Dun Vinċenz Tabone**, li ndifen fil-Knisja Parrokkjali tiegħu. L-aħħar kitba tiegħu f'dan ir-reġistru tal-imwiet tidher fil-mewt ta' Ursla Camilleri, li mietet fit-2 ta' Novembru, 1764, fl-età ta' 80 sena.[13] L-istil tal-kitba tinbidel wara din id-data. Dan ifisser li għal sena l-Kappilan, Dun Vinċenz Tabone, kien indispost. Bin Rajmundu u Katerina, minn Ta' Sannat, Dun Vinċenz Tabone twieled fir-Rabat fit-3 ta' Marzu, 1700, u tgħammed fl-istess jum mill-Arċipriet Dun Nikol Natal Cassia Magri fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Il-parrinu tiegħu kien Mattew Bugeja.[14] Wara li ġie ordnat saċerdot, Dun Vinċenz Tabone serva bħala Viċi-Kappillan tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ mill-1730 sal-1738.[15] Huwa nħatar it-tieni Kappillan taż-Żebbuġ mill-Isqof Alpheran de Bussan, u beda l-ministeru ġdid tiegħu fl-10 ta' Jannar, 1744.[16] Fil-Viżta Pastorali tiegħu fiż-Żebbuġ fl-24 ta' Settembru, 1744, l-Isqof de

Bussan ħeġġeġ lil dan it-tieni Kappillan ta' dan ir-raħal sabiex jimita l-predeċessur tiegħu u jtemm ix-xogħol li kien beda l-ieħor billi jipprovdi kullma kien hemm bżonn fil-knisja għas-servizzi liturġiċi.[17] Huwa ġa kien qed iservi lil Dun Franġisk Vella bħala Viċi-Kappillan.[18] Sar l-ewwel Kappillan fiż-Żebbuġ li libes ir-rukketta u l-kappa vjola tal-irħir, privileġġ mogħti lill-Kappillani kollha f'Malta u f'Għawdex minn Ruma fis-17 ta' Marzu, 1759.[19] Fi żmienu bħala Kappillan tar-raħal twieled Dun Ġużepp Cefai. Missier Dun Vinċenz, Rajmundu Tabone, bin Vinċenz u Vittorja, twieled fit-23 ta' Jannar, 1668, u tgħammed fl-istess jum mill-Arċipriet Dun Ġwanni Antonju Camilleri fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Il-parrinu tiegħu kien Ġwanni Marija Dimech.[20] Ommu, Katerina, mietet fiż-Żebbuġ fil-25 ta' Diċembru, 1751, fl-età ta' 80 sena, u ndifnet minn binha, il-Kappillan Tabone, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[21]




38. F'dak iż-żmien, kien rari li wieħed imut fi sptar. Hekk miet **Perinu Cini** ta' 65 sena fl-**1 ta' Lulju, 1766**. Xi wħud li kienu jmutu fl-isptar, kienu jindifnu barra mir-raħal; imma Perinu għażel li jindifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.




39. Fit-**3 ta' Marzu, 1767**, mietet **Duminka Vella**, ta' 65. Minħabba l-marda tagħha, hija ma setgħetx tirċievi l-vjatku. Fil-każ tagħha nafu biex kienet tbati, jiġifieri, bl-epilepsija. Hija ndifnet fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Il-probabbiltà hi li mietet fir-Rabat, x'aktarx fl-isptar.[22]




40. Fis-**17 ta' Novembru, 1767**, mietet fiż-Żebbuġ **Grazzja Micallef**, bint Onofriju u Tereża Borg, ta' 85 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Qegħdin insemmuha peress li din il-mara kienet benefattriċi ta' wieħed mill-lampieri tal-fidda li l-Parroċċa taż-Żebbuġ għadha tuża sal-lum fil-festa tagħha. Fuqha hemm imnaqqxa x-xbieha tal-Madonna. Hija twieldet fir-Rabat fit-23 ta' April, 1688, u tgħammdet fl-istess jum fil-Knisja ta' San Ġorġ mill-Viċi-Kappillan-Kurat Dun Ġwanni Battista Di Messina. Il-parrinu tagħha kien Duminku Decace.[23] Missierha, Onofriju Micallef, bin Salvu u Madalena, mir-Rabat ta' Għawdex, iżżewweġ lil Tereża Borg, bint Duminku u Vittorja, minn Birkirkara, fil-15 ta' Settembru, 1657, fil-Knisja Kolleġġjata ta' Birkirkara. Iċ-Ċelebrant kien l-Arċipriet Dun Ġwanni Battista Zarb, u x-xhieda kienu Dun Klement Borg, Ġakbu Galea u Publju Calafato.[24] Uliedhom kienu jinkludu dawn: Ġwanni Marija, li miet fir-Rabat ta' Għawdex fid-19 ta' April, 1675, fl-età ta' 8 t'ijiem u li ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ;[25] Pietru Pawlu, li miet fir-Rabat fis-26 ta' Frar, 1683, fl-età ta' xahar u għaxart ijiem, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ;[26] u Grazzja oħra, li mietet fir-Rabat fit-22 ta' Ġunju, 1687, fl-età ta' sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ.[27] Tereża Micallef mietet fir-Rabat fit-22 ta' Jannar, 1695, fl-età ta' 60 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ.[28]




41. Fit-**30 ta' Jannar, 1771**, mietet **Antonja Saliba**, mart Girgor, fl-età ta' 70 sena, ukoll mingħajr vjatku.[29]




42. Imbagħad, fl-**24 ta' Marzu, 1771**, miet ta' 50 sena **Antonju Camilleri**. Dan qed insemmuh proprju mhux biss għaliex miet fi sptar, imma saħansitra fl-isptar tal-Belt Valletta li, dak iż-żmien, kien immexxi mill-Ordni ta' San Ġwann[30] u li llum qed iservi bħala d-Dar tal-Mediterran. Jidher, mela, li jew Antonju Camilleri safa marid meta kien Malta, jew ittieħed hemm minħabba l-gravità tal-marda tiegħu. Minkejja li miet hemm, xorta ħalla li jindifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Dan ifisser trasport ta' kadavru għal biċċa triq twila kif ukoll fuq il-baħar.




43. Fid-**19 ta' Novembru, 1773**, seħħet il-mewt ta' malajr ta' **Marija Caruana**, mart il-Kjerku Ġużeppi, fl-età ta' 86 sena.[31] Saż-żmien tal-Beatu Nazju Falzon, fid-dinja Kattolika kien hemm min kien jieħu l-erba' Ordnijiet Minuri u jieqaf hemm. Dawn kienu anke jilbsu s-staten u jservu fuq l-altari u fil-parroċċi. Xi wħud minnhom, bħall-Kjerku Ġużeppi Caruana, kienu jiżżewġu. Huma kienu wkoll jissemmew fil-Viżti Pastorali. Il-Kjerku Ġużeppi Caruana, bin Ġwanni Marija u Margerita, twieled fit-13 ta' Ġunju, 1683, u tgħammed fl-istess jum minn Dun Girgor Camilleri fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Il-parrinu tiegħu kien Salvu Saliba.[32] Hu żżewweġ lil Marija Mizzi, bint Duminku u Anna Vella, fil-15 ta' Settembru, 1709, fil-Knisja Parrokkjali tan-Nadur.[33] Hu miet fiż-Żebbuġ fil-11 ta' Diċembru, 1763, ta' 82 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[34]




44. Fl-**14 ta' Novembru, 1774**, miet ta' 69 sena fix-Xewkija il-Kappillan t'hemmhekk **Dun Pietru Kożma Aquilina** u ndifen fil-Knisja Parrokkjali tax-Xewkija[35] b'lapida tal-irħam li ġġib ismu.[36] Bin Salvu u Tereża, u għalhekk ħu Dun Alessandru Aquilina, Kappillan ta' Sannat, Pietru Kożma twieled fiż-Żebbuġ fis-26 ta' Settembru, 1706, u tgħammed fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ mill-Kappillan

Dun Franġisk Vella. Il-parrini tiegħu kienu Mastru Ġorġ Fenech mir-Rabat ta' Għawdex, u Marija Cutajar, mart Marju, miż-Żebbuġ.[37] Din Marija Cutajar, xebba Caruana, kellha tiżżewweġ lil Ġwanni Aquilina fl-1715 u ssir omm Dun Franġisku Saverju Aquilina, li l-parrinu tiegħu kien proprju Dun Alessandru Aquilina. Meta Pietru Kożma kellu 7 snin, il-familja tiegħu mxiet lejn Ta' Sannat biex tkun qrib ta' Dun Alessandru Aquilina li kien Kappillan hemmhekk. Dun Pietru Kożma ordna saċerdot fl-24 ta' Diċembru, 1730. Minn Diċembru tal-1733, huwa beda jservi bħala Viċi-Kappillan fix-Xewkija, sakemm laħaq ir-raba' Kappillan ta' dak ir-raħal fl-10 ta' Diċembru, 1734, fi żmien l-Isqof Alpheran de Bussan.[38] Fis-sagristija tal-Parroċċa tax-Xewkija hemm pittura tiegħu b'din l-iskrizzjoni bit-Taljan li jiena ser nittraduċi għall-Malti: DON PIETRO AQUILINA, PARROCCO, / GOVERNÒ QUESTO GREGGE CON MOLTO AMORE E PIETÀ. / ISTITUÌ LEG[ATI] PII E LA CORSA NEL GIORNO DI S[AN] GIOV[ANNI]. / ELETTO IL 18 FEBB[RAIO], 1735, MORTO IL 14 NOVEM[BRE], 1774. "Dun Pietru Aquilina, Kappillan, amministra din il-merħla b'ħafna mħabba u devozzjoni. Waqqaf legati piji u l-ġirja fil-jum ta' San Ġwann. Maħtur fit-18 ta' Frar, 1735, huwa miet fl-14 ta' Novembru, 1774."




45. Fis-**26 ta' Novembru, 1775**, miet fl-isptar ta' Għawdex fl-età ta' 50 sena **Ġużeppi Bezzina**. Qegħdin insemmuh mhux biss għaliex miet fl-isptar, imma wkoll għaliex biex indifen fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ kien hemm bżonn il-permess tal-Kappillan taż-Żebbuġ, li dak iż-żmien kien Dun Ġużepp Speranza.[39]




46. Ir-reġistru taż-Żebbuġ ma jsemmix il-mewt ta' **Marju Cefai**, miż-Żebbuġ, li ġrat fl-**20 ta' Marzu, 1776**, fl-isptrar tar-Rabat, imma kien dak tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. L-istess reġistru jsemmi li Marju Cefai ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[40]




47. Fil-**5 ta' Mejju, 1776**, miet fl-età ta' 62 sena **Bonifaċju Borg** mingħajr il-vjatku peress li ma kellux il-kontroll tas-sensi tiegħu.[41]




48. Fil-**21 ta' Novembru, 1776**, miet ta' 76 sena **Dun Tumas Saliba**, ħu Wistin, imsemmi fuq, u peress li kien ir-Rettur tal-Knisja tal-Madonna tal-Patroċinju fl-Għasri, indifen hemm. Huwa twieled fl-Għasri fit-13 ta' Ġunju, 1700, u tgħammed fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ mill-Kappillan, Dun Franġisk Vella. Il-parrini tiegħu kienu Ġwanni Marija, mill-Għarb, u Tereża Aquilina, mart Salvu, xebba Tabone, miż-Żebbuġ,[42] omm Dun Alessandru u Dun Pietru Kożma Aquilina, imsemmija fuq. Ħut Dun Tumas Saliba kienu jinkludu, barra lil Wistin imsemmi fuq, lil Injazju, li miet fid-29 ta' April, 1688, fl-età ta' 7 xhur, u ndifen fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex.[43] Tumas Saliba ġie ordnat suddjaknu qabel l-1723, u saċerdot fit-23 ta' Diċembru, 1724.[44] Kien il-Prokuratur tal-Altar tal-Madonna tal-Virtù,[45] illum iddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni. Huwa bena mill-ġdid bi flusu l-Knisja tal-Għasri ddedikata lill-Patroċinju tal-Verġni Mqaddsa Marija, wara li dawwarha f'benefiċċju. Kien bl-intervent tiegħu u b'dak ta' Dun Dott. Anġlu Bonnici li din il-Knisja ġiet separata mill-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ u ddikkjarata Knisja Bażilka taħt il-ġurisdizzjoni tal-Knisja ta' San Ġwann Lateran f'Ruma.[46] Missier Dun Tumas Saliba, Pawlu, bin Bernard u Grazzja, iżżewweġ lil Anjeża Caruana, bint Xmun u Tummasa *sive* Masulla, fil-21 ta' Lulju, 1675, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex. Iċ-Ċelebrant kien Dun Mawrizju Madiona, Viċi-Kappillan, waqt li x-xhieda kienu Dun Wistin Zammit, Ġużeppi Cassini u oħrajn.[47] Ommu, Anjeża, twieldet fir-Rabat ta' Għawdex fit-23 ta' Jannar, 1660, u tgħammdet fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Kappillan, Dun Marjanu Pugliese. Il-parrinu tagħha kien Wiġi Re.[48] Hija mietet fiż-Żebbuġ fis-27 ta' Lulju, 1737, fl-età ta' 75, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[49] Żewġha miet fiż-Żebbuġ fl-14 ta' Frar, 1736, fl-età ta' 80 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[50]




49. Fl-**10 ta' Diċembru, 1776**, miet mewta ta' malajr **Franġisku Zammit**, bin Abram, ta' 50 sena.[51]




50. Fid-**9 ta' Awwissu, 1777**, mietet ta' 42 sena **Evanġelista Tabone**, mart Vinċenz, mingħajr il-vjatku.[52]




51. Fl-**1 ta' Marzu, 1779**, miet b'mewta ta' malajr, ta' 73 sena **Antonju Dimech**.[53]




52. Fit-**8 ta' Ottubru, 1779**, mietet f'darha fiż-Żebbuġ ta' 53 sena **Tereża Saliba**, mart Antonju, wara li għamlet qrara u tqarbnet fl-isptar li r-reġistru jindika kien ġewwa ċ-Ċittadella.[54]




53. Ir-reġistra taż-Żebbuġ reġa' ma semmiex imwiet ta' żewġ **Franġiski Vella**, miż-Żebbuġ, li mietu fl-isptar tar-Rabat u li ndifnu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Barra mill-fatt li dawn it-tnejn kellhom l-istess isem, u mietu u

ndifnu fl-istess postijiet, it-tnejn li huma mietu fil-11 tax-xahar, wieħed fil- **11 ta' Ġunju, 1780**, u l-ieħor fil-**11 ta' Settembru, 1780**. Id-differenza hi li f'tat-tieni jingħad li **Franġisku Vella** kellu 70 sena, waqt li f'tal-ewwel l-età mhix indikata. Is-suspett tagħna hu li dan kien żball ta' min niżżel fir-reġistru.[55]




54. Fid-**29 ta' Settembru, 1781**, mietet **Anna Vella**, mart Pawlu, mingħajr vjatku minħabba li ma kellhiex kontroll fuq is-sensi tagħha.[56]

55. Fis-**7 ta' Settembru, 1782**, mietet b'diżgrazzja **Marija Vella**, bint Franġisku u Kjara, ta' 18-il sena, ħabta u sabta, meta ntlaqtet minn sajjetta.[57] Mietu diversi nies fiż-Żebbuġ b'kawża tas-sajjetti. Imperreċ kif inhu u maqtugħ fil-għoli, wieħed jista' jifhem għaliex is-sajjetti kellhom u għandhom impatt fuq dan ir-raħal taż-Żebbuġ. Fil-fatt, id-devozzjoni tal-abitanti għal mijiet ta' snin iddur max-xbiha tal-Madonna li għadha teżisti fil-Knisja Arċipretali tar-raħal, kif ukoll fit-tradizzjoni marbuta magħha, dik tal-Għażżiel, fidi fil-protezzjoni tal-abitanti mill-Madonna Mtellgħa fis-Sema. Dan tixhdu l-ġrajja tat-30 ta' Diċembru, 2014, meta ħadd min-nies miġbura fil-Knisja filgħaxija fiċ-ċelebrazzjoni tal-Kwaranturi ma weġġa' meta sajjetta waħda ħadet f'salt u damdmet kullimkien. Marija Vella twieldet fid-19 ta' Novembru, 1764, u tgħammdet fl-istess jum mill-Kappillan, Dun Vinċenz Tabone. Il-parrini tagħha kienu Luċju Vella u Natalizja Vella, mart Franġisku u oħt it-tarbija, it-tnejn mix-Xewkija.[58] Missierha, Franġisku Vella, bin Marċellu u Prassede, twieled fiż-Żebbuġ fil-15 ta' Ottubru, 1732, u tgħammed fl-istess jum mill-Kappillan, Dun Franġisk Vella, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrini tiegħu kienu d-Djaknu Dun Franġisku Manueli u Roża Cini, bint Antonju u Speranza, it-tnejn miż-Żebbuġ.[59] Huwa miet fiż-Żebbuġ fl-1 ta' Jannar, 1816, fl-età ta' 87, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ fil-qabar numru 3,[60] waqt li ommha, Kjara, mietet fix-Xewkija fis-17 ta' Novembru, 1793, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali tax-Xewkija.[61]




56. Fil-**21 ta' Jannar, 1783**, miet ta' 86 sena **Karmelu Attard**, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Dan qegħdin insemmuh proprju għaliex, bħal Grazzja Micallef, fuq, huwa rregala wieħed mill-lampieri tal-fidda li għadhom jintużaw fil-festa tar-raħal sal-lum. Fuqu hemm imnaqqxa l-Isem ta' Marija (M) u x-xbiha ta' San Ġużepp bil-ġilju f'idu. Bin Franġisku u Duminka, u missier Mikiel Attard,[62] Karmelu Attard twieled fir-Rabat fir-4 ta' Awwissu, 1698, u tgħammed l-għada fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex mill-Viċi-Arċipriet, Dun Ġwanni Pietru Dalli. Il-parrina tiegħu kienet Duminka Madiona, mart Ewġenju.[63] Huwa iżżewweġ lil Marija Camilleri, bint Ewġenju u Kjara, miż-Żebbuġ, li kienet iz-zija ta' Dun Ġwanni Battista Camilleri. Iż-żwieġ ta' dawn it-tnejn kien stramb għall-aħħar. Iżżewġu ta' malajr u bla tnedija, barra mis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ, wara l-quddiesa u fil-preżenza ta' Mawrizju Cassar u Ġwanni Marija Abdilla (sagristan), fl-14 ta' Diċembru, 1720. Bl-ordni tal-Pro-Vigarju Ġenerali, il-Kappillan, Dun Franġisk Vella, ippubblika dan iż-żwieġ fis-16 ta' Frar, 1721, bix-xhieda jkunu Duminku Zahra u Wistin Saliba (imsemmi fuq).[64] Mart Karmelu Attard, Marija Camilleri, kienet oħt Indrì Camilleri li kien miżżewweġ lin-neputija ta' Karmelu nnifsu, Evanġelista Attard, bint ħuh, Mikiel Anġlu, u omm Dun Ġwanni Battista Camilleri. Forsi l-ispariġġ fl-età kien il-kaġun li ż-żwieġ seħħ bla ebda pompa; imma żgur li jien qatt ma ltqajt ma rakkont simili fir-reġistri taż-żwiġijiet. Martu, Marija, twieldet fiż-Żebbuġ fil-15 ta' Jannar, 1702, u tgħammdet fl-istess jum mill-Kappillan, Dun Franġisk Vella, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ bl-isem ta' Pawla Marija. F'Għawdex, speċjalment fiż-Żebbuġ, diversi Kappillani kienu jniżżlu isem it-tarbija jew fin-nofs jew fl-aħħar tal-lista ta' ismijiet li t-tarbija kienet tirċievi fil-magħmudija. Il-parrini tagħha kienu Ġwanni Marija Abela, mill-Għarb, u Alfonsa Saliba, mart Klement, miż-Żebbuġ.[65] Hija mietet fiż-Żebbuġ fis-27 ta' Diċembru, 1777, fl-età ta' 74, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[66] Missier Karmelu Attard, Franġisku, bin Ġakbu u Marija, iżżewweġ lil Duminka Tanti, bint Ġlormu u Katerina, fil-25 ta' Lulju, 1689, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.[67] Huwa miet fis-26 ta' Diċembru, 1722, fl-età ta' 81 sena, u ndifen fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex fl-istess jum.[68] Duminka Attard mietet fid-9 ta' Awwissu, 1713, fl-età ta' 50 sena, u ndifnet fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex fil-qabar numru 33.[69] Missier Marija Camilleri, Ewġenju, bin Karlu u Iżabella Agius, iżżewweġ lil Kjara Cini, bint Antonju u Speranza Zahra, fis-26 ta' Awwissu, 1685, fil-Knisja tal-Assunta fiż-Żebbuġ, jiġifieri, qabel ma saret parroċċa. Iċ-Ċelebrant kin Dun Pawl Lautier, waqt li x-xhieda kienu Martin Dingli u Salvu Sazza.[70]




57. Fil-**21 ta' Ottubru, 1784**, miet fl-isptar ta' 70 sena **Indrì Farrugia**, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.




58. Fit-**13 ta' Frar, 1785**, miet **Ġużeppi Cini**, bin Franġisku, ta' 13-il sena, mingħajr vjatku peress li ntilef minn sensih malajr.[71]




59. Fis-**6 ta' Marzu, 1786**, mietet **Grazzja Saliba**, bint Ġużeppi, ta' 34 sena, u ndifnet fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Il-probabbiltà hi li kienet rikoverata fl-isptar.




60. Fit-**8 ta' Awwissu, 1787**, il-Parroċċa taż-Żebbuġ tilfet saċerdot ieħor, **Dun Franġisk Manueli**, ta' 83 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. L-Atti tan-Nutar Wiġi Magri Cremona, tat-12 ta' Settembru, 1737, jgħidu li Dun Franġisk Manueli ħalli li d-dħul mill-proprjetà, li kienet dar bl-għelieqi jmissu magħha, li kienet tmiss ma' triq pubblika fuq in-naħa tal-Lvant, il-proprjetà ta' Dun Marċellu Calleja fuq in-naħa ta' Nofsinhar, triq oħra pubblika fuq in-naħa tal-Punent, u l-proprjetà ta' Ġwanni Pawlu Gatt u ta' oħrajn fuq in-naħa tat-Tramuntana, jintuża għall-manutenzjoni tal-Knisja tal-Patroċinju tal-Imqaddsa Verġni Marija fl-Għasri. Huwa twieled fiż-Żebbuġ fid-9 ta' Marzu, 1708, u tgħammed jumejn wara fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex mill-Arċipriet Natal Cassia Magri. Il-parrini tiegħu kienu Salvu Adrianu Cassar u Duminka Formosa, mart Ġwanni Marija.[72] Huwa ġie ordnat saċerdot fl-20 ta' Diċembru, 1732,[73] u kien Prokuratur tal-Altar tal-Kurċifiss Imqaddes ġewwa s-Sagristija, li kienet isservi wkoll bħala kappella fuq in-naħa tax-xellug tal-Altar Maġġur inti u tħares lejn il-bieb ta' barra,[74] kif ukoll Prokuratur tal-bini tal-knisja wara l-mewt tal-Kappillan, Dun Franġisk Vella.[75] Missieru, Ġwanni Marija,[76] bin Ġwanni Pawlu u Marija Bigeni, twieled fiż-Żebbuġ fit-22 ta' Novembru, 1665, u tgħammed fl-istess jum fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex minn Dun Mattew Dalli. Il-parrinu tiegħu kien Marju Cassar.[77] Armel ta' Anġelika Cassar, bint Marċellu u Marija, mill-Għarb, huwa żżewweġ lil Bernarda Alberta Mercieca, bint Ġulju u Marija Pace, mir-Rabat, fis-27 ta' April, 1705, fil-Knisja ta' San Kożma u San Damjan ġewwa ċ-Ċittadella. Iċ-Ċelebrant kien il-Kan. Wiġi Cefai, waqt li x-xhieda kienu Pietru Pawlu Farrugia u Bartilmew Mifsud.[78] Dun Franġisk huwa l-uniku wild mis-seba' ħutu l-oħra li tgħammed fil-Matriċi. L-oħrajn tgħammdu fiż-Żebbuġ hekk: Mikiel Anġlu, li twieled fl-20 ta' Jannar, 1706, u tgħammed l-għada, u li kien l-ikbar minn ħutu, u kien antenat tiegħi; Antonju, li twieled fid-19 ta' Ġunju, 1710, u tgħammed fl-istess jum; Anġelica *sive* Katerina, li twieldet fis-26 ta' Novembru, 1712, u tgħammdet l-għada; Alfonsa, li twieldet fit-13 ta' Jannar, 1716, u tgħammdet l-għada; Marju, li twieled fil-15 ta' Awwissu, 1717, u tgħammed fl-istess jum; Rożarja, li twieldet fit-8 ta' Ġunju, 1720, u tgħammdet l-għada, u Agata, li twieldet fl-4 ta' Frar, 1725, u tgħammdet fl-istess jum.[79] B'hekk wieħed jikkonkludi li fil-familja tiegħu kien hemm erba' subien u erbat ibniet. Imma jrid jingħad li Alfonsa mietet ta' ħames xhur fis-27 ta' Ġunju, 1716, waqt li Marju miet ta' 25 sena fit-28 ta' Settembru, 1742.[80] Mill-oħrajn, Mikiel Anġlu żżewweġ li Duminka Ġenovese fil-Knisja tal-Portu Salvu, fil-Belt Valletta, fil-21 ta' Novembru, 1728,[81] u mar joqgħod fiż-Żejtun minn fejn ħarġu l-antenati tiegħi bil-kunjom "Vella"; Antonju żżewweġ lil Marija Filippone fiż-Żurrieq fit-30 ta' Lulju, 1730 u, wara, lil Anna D'Alfonso fiż-Żurrieq stess fis-27 ta' Settembru, 1774;[82] Anġelica *sive* Katerina żżewġet lil Tumas Zahra fiż-Żebbuġ fl-24 ta' Awwissu, 1729; Rożarja żżewġet lil Orazju Galea fiż-Żebbuġ fit-28 ta' Awwissu, 1737, u marret toqgħod fl-Għarb, waqt li Agata żżewġet li Mikiel Galea fiż-Żebbuġ fis-17 ta' Awwissu, 1749, u marret toqgħod l-ewwel fiż-Żebbuġ,[83] u mbagħad fir-Rabat ta' Għawdex. Iżda din ma kinietx il-familja kollha ta' Dun Franġisk Manueli. Dan ngħidu għaliex, kif għidna, missieru kien miżżewweġ darbtejn. Ġwanni Marija Manueli, missier Dun Franġisk, kien qabel iżżewweġ lil Anġelika Cassar, bint Marċellu u Marija, mill-Għarb, fis-17 ta' Awwissu, 1687, fil-Knisja ta' San Lawrenz, Parroċċa tal-Għarb. L-amministratur taż-żwieġ kien il-Kappillan Dun Ġwanni Marija Camilleri, waqt li x-xhieda kienu Dun Duminku Axiaq u Ġlormu Spiteri.[84] Ġwanni Maria Manueli baqa' joqgħod fiż-Żebbuġ. Minn dan iż-żwieġ, Ġwanni Marija Manueli kellu dawn it-tfal, li twieldu kollha fiż-Żebbuġ hekk: Indrì li twieled fis-26 ta' Jannar, 1689, u tgħammed l-għada fil-Knisja Matriċi fir-Rabat;[85] Orazju, li twieled fis-17 ta' Ottubru, 1691, u tgħammed fiż-Żebbuġ l-għada; Ġużeppi, li twieled fl-24 ta' Marzu, 1694, u tgħammed fiż-Żebbuġ fl-istess jum; Ġwanni Duminku *sive* Marċellu, li twieled fil-5 ta' Novembru, 1695, u tgħammed fiż-Żebbuġ fl-istess jum; Ġużeppi ieħor, li twieled fis-27 ta' Ġunju, 1698, u tgħammed fiż-Żebbuġ fl-istess jum; Marija, li twieldet fl-4 ta' Marzu, 1700, u tgħammdet fiż-Żebbuġ fl-istess jum; Ġwanni Pawlu, li twieled fit-12 ta' Lulju, 1702, u tgħammed fiż-Żebbuġ fl-istess jum; u Roża li twieldet fl-20 ta' Diċembru, 1704, u tgħammdet fiż-Żebbuġ l-għada.[86] B'hekk, minn dan l-ewwel żwieġ, Dun Franġisku Manueli kellu tmint aħwa oħra, sitt subien u żewġt ibniet. Minn dawn, l-ewwel Ġużeppi miet ta' sentejn fl-1 ta' Lulju, 1696, waqt li Roża mietet ta' ħames xhur fit-22 ta' Mejju, 1705.[87] Minn dawn l-aħwa, Dun Franġisk kellu waħda soru, Marija. Din kienet benefiċjarja tal-ewwel Kappillan taż-Żebbuġ.[88] L-oħrajn iżżewġu hekk: Indrì żżewweġ li Vittorja Mizzi fil-Knisja ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex fil-25 ta' Awwissu, 1714, u baqa' joqgħod fir-Rabat;[89] Huwa kien benefiċjarju tal-Legat ta' Santa Ċeċilja, li tagħha kien Rettur, imwaqqaf minn Nunzju Manueli;[90] Orazju żżewweġ lil Katerina Saliba fil-Matriċi fis-16 ta' Settembru, 1714, u baqa' joqgħod fir-Rabat;[91] Ġwanni Duminku *sive* Marċellu żżewweġ lil Anna Mangion fiż-Żebbuġ fid-29 ta' Lulju, 1719;[92] Ġużeppi żżewweġ lil Grazzja Spiteri fil-Knisja tal-Portu Salvu fil-Belt Valletta fid-29 ta' Ottubru, 1737;[93] waqt li Ġwanni Pawlu żżewweġ li Ursla Saliba fiż-Żebbuġ fit-2 ta' Awwissu, 1721,[94] u kellhom dak it-tifel, Pietru Klement, li miet b'disgrazzja.[95] Barra oħtu soru mill-ewwel żwieġ ta' missieru, Dun Franġisk Manueli kellu qarib ieħor li kien qassis, il-Kanonku Anġlu Manueli, li kien jiġu minnu hekk: Il-Kanonku Anġlu Manueli kien bin Ġwanni Marija u Liberata Agius, li kienet mill-Għarb u li marret toqgħod fiż-Żebbuġ: dan Ġwanni Marija kien bin Ġwanni Pawlu Manueli u Ursla Saliba, miż-Żebbuġ, waqt li Ġwanni Pawlu kien ħu Dun Franġisku mill-ewwel żwieġ ta'

missieru. B'hekk, Dun Anġlu kien bin in-neputi ta' Dun Franġisk. Huwa twieled fiż-Żebbuġ fis-17 ta' Ottubru, 1797, u tgħammed l-għada,[96] għix fl-Algiers, u miet fl-Għarb fil-11 ta' Novembru, 1871, ta' 74 sena.[97] Ġwanni Marija Manueli miet fiż-Żebbuġ fil-5 ta' Frar, 1739, ta' 79 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[98] Alberta *sive* Bernarda Manueli tgħammdet fl-24 ta' Awwissu, 1683, fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex minn Dun Girgor Camilleri. Il-parrinu tagħha kien Natal Mizzi.[99] Hija mietet fiż-Żebbuġ fis-17 ta' Diċembru, 1779, fl-età ta' 90, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[100] Ġwanni Marija u Alberta Manueli huma l-antenati tiegħi kif ġej: Jerome Vella (Kirkop), bin Horatio Vella (m. Vivienne Caruana, Żejtun), bin Frank Vella (m. Tessie Bartolo, Sacro Cuor, Sliema), bin Ġwanni Battista Vella (m. Marija Attard, Żejtun), bin Ġużeppi Vella (m. Marija Spiteri, Żejtun), bin Ġwanni Vella (m. Marija Karmela Manueli, Żejtun), bint Lawrenz Manueli (m. Lawrenza Cachia, Żejtun), bin Filippu Manueli (m. Anna Xuereb, Żejtun), bin Natal Manueli (m. Katerina Borg, Żejtun), bin Wiġi Manueli (m. Tereża Camilleri, Żejtun), bin Mikiel Manueli (m. Duminka Genovese, Żejtun), bin Ġwanni Marija Manueli (m. Alberta Mercieca, Matriċi, Rabat) u ħu Dun Franġisk Manueli. Kif ukoll hekk: Jerome Vella (Kirkop), bin Horatio (m. Vivienne Caruana, Żejtun), bin Frank Vella (m. Tessie Bartolo, Sacro Cuor, Sliema), bint Ġużeppi Bartolo (m. Marija Attard, Sacro Cuor, Sliema), bin Ruġġieru Bartolo (m. Marjanna Spiteri (Ħamrun), bint Ġwanni Spiteri (m. Filumena Scerri (Imsida / Birkirkara), bin Salvu Spiteri (m. Marija Zammit, San Pawl, Valletta), bin Ġwanni Marija Zammit (m. Koronata Caruana, Għarb), bint Rużarju Zammit (m. Anna Camilleri, Għarb), bint Franġisku Camilleri (m. Romana Manueli, Żebbuġ), bint Indrì Manueli (m. Kjara Mizzi, Matriċi, Rabat), ħu Ġwanni Marija Manueli (m. Alberta Mercieca, Matriċi, Rabat). Ġwanni Marija Manueli, missier Dun Franġisk, imlaqqam "Il-Furnar",[101] kellu l-qbiela ta' artijiet li xi wħud kienu jappartjienu lill-Kapitlu tal-Knisja Kolleġġjata ta' Birkirkara, u xi wħud lill-Kunvent tas-Sorijiet Benedittini ta' Santa Skolastika f'Vittoriosa.[102] Dawn l-artijiet jissejħu "Ta' Kanċila", "Ta' Ġordan", "Il-Ħġieri", "Il-Wilġa" u "Ta' Ċikku" f'Għammar.[103] Id-dixxendenti tiegħu, minn ġenerazzjoni għall-oħra, kienu jagħmlu talbiet lill-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara permezz ta' Nutari,[104] Periti,[105] Maġistrati,[106] ċertifikati tal-magħmudija, żwiġijiet u mwiet,[107] karti ġenealoġiċi[108] u permezz tal-Isqof[109] biex jippruvaw li kellhom ċens perpetwu tal-artijiet. Xi wħud minn dawn l-artijiet kienu f'idejn l-antenati tiegħi fiż-Żejtun.[110] L-għalqa msejħa "Il-Ħġieri" tinsab fuq in-naħa tax-xellug int u dieħel fi Triq il-Fanal f'Għammar, 'l hemm mill-kumpless imsejjaħ "Tal-Fanal" u proprju taħt l-Għolja ta' Ġordan. L-għalqa msejħa "Il-Wilġa" tinsab fuq in-naħa tal-lemin hekk kif tidħol minn Triq Għammar lejn Għammar, qabel l-ewwel bini li tiltaqa' miegħu fejn it-triq tikser xellug lejn il-Knisja ta' San Publju. Warajha hemm l-għalqa l-oħra msejħa "Il-Ħġieri".[111]




61. Fil-**11 ta' Ġunju, 1788**, miet ta' 32 sena fl-isptar **Mikiel Cutajar**, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.




62. Fit-**2 ta' Diċembru, 1789**, miet ta' 72 sena fl-isptar **Antonju Saliba**, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.




63. Fis-**16 ta' Frar, 1791**, mietet b'mewta ta' malajr, u għalhekk mingħajr vjatku, **Margerita Attard**, mart Anġlu, ta' 48 sena.[112] Anġlu Attard, bin Karmelu u Marija Camilleri (56, fuq), iżżewweġ lil Margerita Zerafa, bint Ġorġ u Evanġelista, fit-22 ta' April, 1766, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ, wara li ġabu dispensa mis-*Santa Sede* peress li kienu sekondi u terzi kuġini. Iċ-Ċelebrant kien il-Kappillan, Dun Ġużeppi Speranza, waqt li x-xhieda kienu Kristofru Cassar, sagristan, u Ewġenju Vella.[113]




64. Fl-**14 ta' Marzu, 1792**, miet ta' 75 sena **Franġisku Camilleri**, u ndifen fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Seta' kien li Franġisku Camilleri kien rikoverat l-isptar, jew inkella kellu qabar jew qraba midfuna fil-Knisja Matriċi.




65. Fil-**15 ta' April, 1793**, miet bla ebda sagramenti **Pawlu Cini**, bin Ċelestinu.[114] Ħutu kienu jinkludu lil Anġlu,[115] u lil Marija, miżżewġa lil Franġisku Zahra, bin Pawlu u Tummasika. Il-Kappillan, kif qegħdin naraw, kellu jinnota x'sagramenti mejjet laħaq irċieva: Griżma tal-Morda, qrar u tqarbina, Griżma tal-Morda biss, jew xejn. Biex dan Pawlu Cini ndifen fil-knisja, il-Kappillan iddeċieda hu jew ħa permess mill-Vigarju Ġenerali biex, peress li l-mejjet kien fil-Grazzja ta' Alla, il-mejjet jindifen fil-knisja. Imma mhux dejjem hekk kien il-każ. Missieru, Ċelestinu, bin Ġwanni Indrì u Ubaldiska (28), twieled fiż-Żebbuġ fit-8 ta' Lulju, 1710, u tgħammed l-għada minn Dun Alessandru Aquilina, Kappillan ta' Sannat, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrinijiet tiegħu kienu Ġwanni Duminku Aquilina (21), bin Salvu, u oħtu Roża (21), mart Franġisku Fava, it-tnejn miż-Żebbuġ.[116] Huwa żżewweġ lil Anna Attard, bint Filippu u Margerita, fid-9 ta' Settembru, 1731, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Berkilhom iż-żwieġ Dun Wistin Debono (26), waqt li x-xhieda kienu Franġisku Zahra u Abram Zammit, it-tnejn miż-Żebbuġ.[117] Huwa miet fiż-Żebbuġ fit-12 ta' Jannar, 1761, ta' 52 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[118] Martu, Anna Attard, twieldet fiż-Żebbuġ fid-9 ta' Novembru, 1707, u tgħammdet fl-istess jum mill-Kappillan Franġisku Vella

fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrinijiet tagħha kienu Ġwanni Battista Marchese u Marija Madiona, mart Lazzru, it-tnejn miż-Żebbuġ.[119] Hija mietet fiż-Żebbuġ fit-12 ta' Marzu, 1779, ta' 75 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[120]




66. Fil-**31 ta' Lulju, 1793**, mietet **Ġovanella Stellini**, mart Lawrenz, fl-isptar, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Ta' min jinnota hawn li peress li l-isptar kien tas-Sagru Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, l-isptar jissejjaħ hawn "sagru".[121]




67. Fis-**17 ta' Novembru, 1793**, mietet fix-Xewkija **Kjara Vella**, mart Franġisku, u ndifnet, kif xtaqet hi, fil-Knisja Parrokkjali ta' hemmhekk.[122] Franġisku Vella u Kjara Refalo kienu missier u omm Marija Vella, it-tieni mara ta' Ġwanni Marija Cini, Prokuratur tal-*Via Sacra* fl-1809,[123] benefattur permezz tal-ewwel damask fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ, u permezz ta' diversi legati li ħalla wara mewtu.[124] Huwa żżewweġ lil Marija Vella fis-16 ta' Novembru, 1850. Dawn kienu sekondi kuġini, u għalhekk kellhom jiksbu d-dispensa mis-*Santa Sede* biex jiżżewġu. Iċ-Ċelebrant kien il-Kappillan, Dun Ġużepp Hili, waqt li x-xhieda kienu Antonju Saliba u Lawrenz Sultana.[125] Marija Vella twieldet fiż-Żebbuġ fis-16 ta' April, 1783, u tgħammdet fl-istess jum mill-Kappillan, Dun Ġużepp Speranza fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[126] Mietet fiż-Żebbuġ fit- 28 ta' Settembru, 1854, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[127]




68. Fil-**25 ta' Marzu, 1794**, mietet b'mewta ta' malajr ta' 33 sena **Marija Cassar**, mart Mikiel, bla sagramenti.[128]




69. Fit-**2 ta' Diċembru, 1794**, ġrat disgrazzja fiż-Żebbuġ li misset lil saċerdot mix-Xagħra, **Dun Bernard Attard**, proprju fuq il-post fejn qiegħed nikteb dan, fil-Ponta ta' Għajn Mhelhel. Il-Pro-Vigarju Ġenerali, il-Kan. Franġisku Saverju Cassar, dak li mexxa b'suċċess il-qawmien tal-Għawdxin kontra l-Franċiżi f'Għawdex ftit ta' snin wara, ordna li dan is-saċerdot jindifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[129] Bil-Latin, il-kelma *alpestris*, fejn hemm Għajn Mhelhel u kif riferut il-post fir-reġistru, tfisser "ta' art għolja". Skont Mons. Ġwanni Indrì Vella, li jiddendifika l-post alpestris ma' Għajn Mhelhel, jirrakkonta kif Dun Ġużepp Cefai, li kien joqgħod f'numru 53, Triq Għajn Mhelhel, kellu kelb li, darba minnhom, ġablu id ta' bniedem. Dan is-saċerdot Żebbuġi segwa l-kelb lejn l-għerien li għadhom jeżistu fil-ponta ta' Għajn Mhelhel, u hemm isib saċerdot ieħor, imqatta' bċejjeċ mill-klieb, jew mill-kelb tiegħu.[130] Seta' kien li dan Dun Bernard, li daħal jistrieħ f'wieħed mill-għerien, miet u tqatta' wara mill-kelb jew mill-klieb. Ir-reġistru tal-Parroċċa tax-Xagħra jirreferi bi żball għal dan is-saċerdot imqatta' bħala "Dun Bernard Busuttil", flok Dun Bernard Attard, imma jikkonferma kemm li Dun Bernard Attard indifen fiż-Żebbuġ, u kemm li l-post fejn kien kien jissejjaħ "Għajn Mhelhel".[131] Dun Bernard Attard, bin Mikiel u Tereża Farrugia, twieled fix-Xagħra fit-12 ta' Diċembru, 1749, u tgħammed fl-istess jum mill-Kappillan, Dun Mattija Spiteri, fil-Knisja Parrokkjali tax-Xagħra. Il-parrini tiegħu kienu Ġwanni Duminku Vella u Katerina Mangion, mart Mikiel.[132] Dan ifisser li meta miet kellu 45 sena. Missieru, Mikiel Attard, bin Ġwanni Marija u Evanġelista, min-Nadur, iżżewweġ lil Tereża Farrugia, bint Luqa u Margerita Bigeni, fl-10 ta' Awwissu, 1748, fil-Knisja Parrokkjali tax-Xagħra.[133] Ommu, Tereża Farrugia, twieldet ix-Xagħra fil-15 ta' Ottubru, 1726, tgħammdet fl-istess jum mill-Kappillan, Dun Mattija Spiteri. Il-parrini tagħha kienu Pawlu Bigeni u martu, Katerina.[134]




70. Fit-**12 ta' April, 1795**, mietet b'mewta ta' malajr **Marija Busuttil**, mart Mikiel.[135]

71. F'inqas minn xahar miet żewġha, **Mikiel Busuttil**, fl-isptar, ta' 62 sena, fit-**8 ta' Mejju, 1795**.[136]




72. Fil-**21 ta' Jannar, 1796**, mietet **Anna Saliba**, armla ta' Ġużeppi, ta' 83 sena. Qegħdin insemmuha biss peress li hi xtaqet li tindifen fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex.[137]




73. Fit-**22 ta' Settembru, 1797**, iż-Żebbuġ tilef saċerdot ieħor, **Dun Mikiel Anġlu Camilleri**, ta' 87 sena, b'mewta ta' malajr,[138] fir-residenza tiegħu fi Triq il-Kanun.[139] Bin Orazju Camilleri u Kristina Vella, kuġin ta' Indrì Camilleri (missier Dun Ġwanni Battista Camilleri {imsemmi fuq, 56}), u ħu Franġisku Camilleri,[140] Dun Mikiel Anġlu Camilleri twieled fiż-Żebbuġ fit-18 ta' Ottubru, 1711, u tgħammed fl-istess jum min Dun Anġlu Vella fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrini tiegħu kienu l-Kappillan, Dun Franġisk Vella, u Anna Vella, mart Albertu, ukoll miż-Żebbuġ.[141] Fl-1729 kien Prokuratur tal-Konfraternità tas-Santissimu Sagrament meta kien għadu kjerku.[142] Kien ġa djaknu fl-1736,[143] u ġie ordnat saċerdot fis-6 ta' April, 1737.[144] Kien Prokuratur tal-Fqar fl-1781.[145] Missieru, Orazju, bin Karlu u Iżabella Agius, miż-Żebbuġ, u ħu Ewġenju Camilleri, in-nannu ta' Dun Ġwanni Battista Camilleri, u ziju ta' Marija

Camilleri, mart Karmelu Attard (56), iżżewweġ lil Kristina Vella, bint Ġakbu u Margerita Cassar, fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex fit-13 ta' Settembru, 1700. Iċ-Ċelebrant kien il-Kan. Ġwanni Pietru Dalli, waqt li x-xhieda kienu l-Kjerku Bernard Grima u Indrì Grima.[146] Orazju Camilleri miet fiż-Żebbuġ fil-11 ta' Mejju, 1750, fl-età ta' 80 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[147]




74. Fit-**8 ta' Frar, 1798**, fis-sena li Malta u Għawdex inħakmu mill-Franċiżi sal-1800, mietet **Tereża Sacco**, mart Ġużeppi, li laħqet qarret qabel ma mietet.[148]




75. Fil-**5 ta' Awwissu, 1798**, miet b'mewta ta' malajr, ta' 60 sena, **Ġużeppi Camilleri**, bin Franġisku.[149]




76. Fid-**19 ta' Settembru, 1798**, miet fl-isptar ta' 67 sena **Ġwanni Battista Casha**. Skont ix-xewqa tiegħu u bil-permess tal-Kappillan, dak iż-żmien Dun Ġużeppi Speranza, huwa ndifen fil-Knisja Viċi-Parrokkjali (dak iż-żmien) ta' San Ġorġ fir-Rabat.[150]

77. Fis-7 ta' April, 1799, mietet ta' 50 sena fl-isptar tan-nisa fir-Rabat Margerita (kunjomha mhux miġjub), u ndifnet fil-Knisja ta' San Ġorġ.[151]




78. Fit-**8 ta' April, 1799**, mietet ta' 50 sena fl-isptar **Anġla Busuttil**, armla ta' Ġorġ, u ndifnet fil-Knisja ta' San Ġorġ bi spejjeż maħfura.[152]




79. Fl-**20 ta' Lulju, 1799**, mietet b'mewta ta' malajr **Marija Attard**, armla ta' Rużarju.[153]

80. Fit-**2 ta' Ġunju, 1800**, mietet b'mewta ta' malajr **Margerita Attard**, mart Ġużeppi, ta' 60 sena.[154]




81. Fl-**20 ta' Ġunju, 1800**, miet, ukoll b'mewta ta' malajr, **Ġwanni Marija Cefai** ta' 60 sena.[155]




82. Fit-**2 ta' April, 1801**, mietet, ukoll b'mewta ta' malajr, **Marija Cassar**, armla ta' Kristofru, li kien sagristan,[156] fl-età ta' 75 sena. Hija ndifnet bla ħlas "għall-imħabba ta' Alla".[157] Kristofru Cassar, bin Duminku u Katerina Abdilla, twieled fiż-Żebbuġ fis-27 ta' Novembru, 1721, u tgħammed fl-istess jum mill-Kappillan, Dun Franġisk Vella fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ bl-ismijiet ta' Franġisku u Kristofru, li minnhom ħa t-tieni. Il-parrini tiegħu kienu Pietru Dalli u Grazzja Dimech, it-tnejn miż-Żebbuġ.[158] Huwa żżewweġ lil Marija Galea, bint Ġużeppi u Wiġa, fit-13 ta' Awwissu, 1747, fil-Knisja Parrokkjali tax-Xagħra.[159] Huwa miet fiż-Żebbuġ fid-29 ta' April, 1799, ta' 78 sena, u ndifen bla ħlas fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ, x'aktarx għax kien sagristan.[160] Missieru, Duminku Cassar, bin Orazju u Katerina, mill-Għarb, iżżewweġ lil Katerina Abdilla, bint Franġisku u Tereża, miż-Żebbuġ, fl-14 ta' Ottubru, 1708, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq. Iċ-Ċelebrant kien Dun Pietru Pawl Formosa, waqt li x-xhieda kienu Ġwanni Pawlu Scicluna u Pietru Bugeja, it-tnejn miż-Żurrieq.[161] Huwa miet fiż-Żebbuġ fil-5 ta' Settembru, 1781, fl-età ta' 86 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[162] Martu, Katerina Abdilla, twieldet fil-31 ta' Marzu, 1682, u tgħammdet fl-istess jum minn Dun Alessandru Maglione, Viċi-Arċipriet, fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Il-parrinu tagħha kien Ġwanni Duminku Camilleri.[163] Hija mietet fiż-Żebbuġ fil-25 ta' Jannar, 1762, fl-età ta' 82 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[164] Kristofru Cassar kien in-neputi tas-sagristan predeċessur tiegħu, Ġwanni Marija Abdilla, ħu ommu.




83. Fil-**15 ta' Frar, 1803**, miet ta' 92 sena **Mikiel Aquilina**, bin Ġużeppi, mingħajr il-vjatku għax ma kellux kontroll fuq is-sensi tiegħu.[165]




84. Fid-**9 ta' Awwissu, 1803**, mietet ta' 30 sena **Luċija Vella**, mart Publju, mingħajr il-vjatku minħabba vomitu kontinwu.[166]




85. Fil-**5 ta' Settembru, 1803**, mietet ta' 70 sena **Marija Camilleri**, armla ta' Indrì, mingħajr il-vjatku peress li intilfet minn sensiha minnufih.[167]




86. Fit-**23 ta' Settembru, 1803**, miet ta' 35 sena **Pawlu Saliba**, bin Antonju, mingħajr Sagramenti.[168]




87. Fid-**9 ta' Ottubru, 1803**, miet ta' 70 sena **Ġwanni Camilleri**, bin Ġużeppi, mingħajr Sagramenti minħabba li baqa' offiż minn niesu.[169]




88. Fl-**24 ta' Ottubru, 1803**, mietet omm bit-tarbija tagħha fit-twelid b'ċesarja, li ġiet mgħammda minn dawk li kienu preżenti fl-operazzjoni. It-tarbija ma ngħatatx isem, waqt li l-omm, li kellha 40 sena, kien jisimha **Klemenza Mercieca**, mart Salvu.[170]




89. Fit-**28 ta' Novembru, 1803**, miet ta' 40 sena **Ġwanni Marija Saliba**, bin Antonju, mingħajr vjatku peress li, wara li għamel qrara u rċieva l-Griżma tal-Morda, intilef minn sensih.[171]




90. Fl-**20 ta' Ġunju, 1804**, miet ta' 50 sena **Alessandru Cutajar**, bin Mawrizju, mingħajr vjatku peress li ma kellux kontroll fuq il-menti tiegħu.[172]




91. Fit-**2 ta' Settembru, 1805**, miet b'mewta ta' malajr ta' 80 sena **Mikiel Galea**.[173]




92. Fid-**9 ta' Diċembru, 1805**, mietet ta' 80 sena fl-isptar **Ġovanella Bezzina**, u ndifnet fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex.




93. Fit-**12 ta' Frar, 1806** mietet **Alessandra Zammit**, mart Ġorġ, mingħajr vjatku.[174]




94. Fit-**13 ta' Diċembru, 1806**, mietet fl-isptar **Katerina Cassar**, armla ta' Natal, imma ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ, kif uriet b'fommha mal-Kappillan u xhieda oħra.[175]




95. Fit-**12 ta' April, 1807**, miet ta' 20 sena **Ġwanni Indrì Vella**, bin Franġisku, bil-vjatku biss.[176]




96. Għal darba oħra ż-Żebbuġ tilef Kappillan ieħor, it-tielet wieħed mit-twaqqif tal-parroċċa, **Dun Ġużepp Speranza**. Huwa miet bħala Kappillan fiż-Żebbuġ ta' 78 sena fis-**17 ta' April, 1807**, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[177] L-aħħar darba li huwa uża r-reġistru tal-Imwiet, jekk wieħed jimxi mal-kalligrafija tiegħu, kien fit-18 ta' Jannar, 1807.[178] Dan ifisser li kien indispost għal tliet xhur qabel ma miet. Għal darb' oħra għandi l-pjaċir nagħti informazzjoni fuqu għall-ewwel darba hawn. Bin Indrì u Grazzja, huwa twieled fir-Rabat ta' Għawdex fl-1 ta' Frar, 1731, u tgħammed l-għada mill-Viċi-Kappillan ta' San Ġorġ, Dun Vinċenz Tabone, li proprju kellu jsir il-predeċessur tiegħu f'dan ir-raħal mhux twelid tagħhom it-tnejn. Il-parrini tiegħu kienu Duminku Borg u Marija Grech.[179] Ħutu, imwieldin ir-Rabat u mgħammdin fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, kienu jinkludu lil dawn: Ġiljan, li twieled fl-1 ta' Ottubru, 1725, u tgħammed l-għada; Lawrenz, li twieled fit-8 ta' Awwissu, 1729, u tgħammed fl-istess jum, u Ġuditta, li twieldet fis-26 ta' Jannar, 1741, u tgħammdet tliet ijiem wara.[180] Missieru, Indrì Speranza, kien Kirurgu, u miet fir-Rabat fit-8 ta' Frar, 1767, fl-età ta' 75, u ndifen fil-Knisja ta' San Franġisk fir-Rabat[181] Missier Indrì, jiġifieri, in-nannu ta' Dun Ġużepp, Antonju Speranza, miet fir-Rabat fis-17 ta' Settembru, 1737, fl-età ta' 70 sena, u wkoll indifen fil-Knisja ta' San Franġisk fir-Rabat.[182] Ħu Indrì Speranza, jiġifieri, iz-ziju ta' Dun Ġużepp, Bernard, għix fin-Nadur. Iben dan Bernard, Mikiel, miet fl-isptar fir-Rabat fil-21 ta' Lulju, 1793, fl-età ta' 60 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ.[183] Dun Ġużepp Speranza kien iz-ziju ta' Patri Reġinald Speranza O.F.M. Conv. u tal-Kjerku Kalċidon Speranza, ulied Ġiljan. Patri Reġinald twieled fir-Rabat fl-20 ta' Ottubru, 1759, u tgħammed fl-istess jum mill-Viċi-Kappillan Dun Salv Gauci. Il-parrini tiegħu kienu Emanuel Fenech u martu Elena.[184] Il-Kjerku Kalċidon Speranza, kirurgu ewlieni fl-isptar ta' Għawdex, twieled fir-Rabat fl-24 ta' Lulju, 1758, u tgħammed fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ minn Dun Salv Gauci. Il-parrini tiegħu kienu z-zijiet tiegħu, Dun Ġużepp Speranza u oħtu Ġuditta.[185] Kalċidon iżżewweġ lil waħda jisimha Antonja, li mietet fir-Rabat fil-25 ta' Jannar, 1830, fl-età ta' 70 sena, u ndifnet fil-Knisja ta' San Franġisk fir-Rabat.[186] Kalċidon ħa t-tonsura kjerikali fit-2 ta' Ottubru, 1773.[187] Fl-20 ta' Ġunju, 1803, l-istess Kalċidon deher bħala xhud fiż-żwieġ ta' Karlu Mallia ma' Marija Vella[188], antenati tal-Kompożitur Anton Mallia. Hu miet fir-Rabat fl-4 ta' Novembru, 1850, fl-età ta' 92 sena, u ndifen fil-Knisja ta' San Franġisk fir-Rabat.[189] Missier Patri Reġinald u l-Kjerku Kalċidon, Ġiljan Speranza, twieled, kif rajna fuq, fir-Rabat fl-1 ta' Ottubru, 1725, u tgħammed l-għada mill-Viċi-Kappillan, Dun Mattija Spiteri, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Il-parrini tiegħu kienu Dun Orazju Vella u Anna Marija Felice.[190] Huwa miet fit-8 ta' Mejju, 1799, fl-età ta' 67 sena, u ndifen fil-Knisja ta' San Franġisk fir-Rabat.[191] It-tieni mara tiegħu, Ursla, mietet fir-Rabat fil-11 ta' Frar, 1798, fl-età ta' 71 sena u ndifnet fil-Knisja ta' San Franġisk fir-Rabat.[192] Uliedhom li twieldu r-Rabat u tgħammdu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ kienu jinkludu lil Salvu, li twieled fis-17 ta' Ottubru, 1752, u tgħammed fl-istess jum.[193] Salvu żżewweġ lil Modesta Grech, bint Feliċ u Anna Marija, fil-25 ta' Frar, 1786, fil-Knisja ta' Santu Wistin fir-Rabat. Iċ-Ċelebrant kien il-Kanonku Ġwanni Marija Gauci, waqt li x-xhieda kienu Dun Mikiel Anġlu Cauchi u Mikiel Anġlu Dingli:[194] kellhom, minn tal-inqas, tifla waħda, Fortuna;[195] hu wkoll kien Kjerku Miżżewweġ; fil-fatt, huwa rċieva l-ewwel tonsura tiegħu

fis-16 ta' Ġunju, 1766.[196] Barra minn Salvu, Ġiljan u Ursla Speranza kellhom lil Vinċenz, li twieled fit-28 ta' Ottubru, 1753, u tgħammed fl-istess jum;[197] Ġużeppi, li twieled fl-10 ta' April, 1755, u tgħammed l-għada;[198] Vinċenz ieħor, li twieled fl-10 ta' Diċembru, 1756, u tgħammed l-għada;[199] Kalċidon, li kif rajna fuq, twieled fl-1758; Patri Reġinald, li wkoll kif rajna fuq, twieled fl-1759; Emanuel, li miet fir-Rabat fit-22 ta' Lujlju, 1761, fl-età ta' sena u nofs (*sic*), u ndifen fil-Knisja ta' San Franġisk fir-Rabat;[200] Mikiel, li twieled fl-14 ta' Mejju, 1761, u tgħammed l-għada;[201] Tereża Marija, li twieldet fil-31 ta' Mejju, 1765, u tgħammdet l-għada;[202] Indrì, li twieled fl-20 ta' April, 1767, u tgħammed fl-istess jum: miet fir-Rabat fit-18 ta' Ġunju, 1769, fl-età ta' sentejn, u ndifen fil-Knisja ta' San Franġisk fir-Rabat,[203] u Roża, li twieldet fl-1 ta' Marzu, 1770, u tgħammdet l-għada.[204] Mill-ewwel mara, Tereża, Ġiljan Speranza kellu wkoll lil Ġużeppi, li miet fir-Rabat fl-4 ta' Novembru, 1753, fl-età ta' 8t ijiem, u ndifen fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex.[205] Huwa twieled fir-Rabat fit-28 ta' Ottubru, 1753, u tgħammed fl-istess jum mill-Arċipriet Koġitur Dun Ġakbu Galea fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ bl-ismijiet ta' Vinċenz, Mattew u Ġużeppi, li minnhom ħa tal-aħħar. Il-parrini tiegħu kienu Dun Salv Grima u Tereża Busuttil, bint Franġisku.[206] Dun Ġużepp Speranza nħatar it-tielet Kappillan taż-Żebbuġ mill-Isqof Bartolomeo Rull, u beda l-ministeru tiegħu fil-25 ta' Marzu, 1766.[207] L-ewwel darba li jissemma fir-reġistru tal-Imwiet, imma, jidher fl-10 ta' Ottubru, 1772, meta jidher qed jikkontribwixxi lill-Isqof ta' Malta sehemu mill-ispejjeż tal-funerali.[208] Kien magħruf għall-Franċiż li kien jaf, tant li waqt l-okkupazzjoni Franċiża ta' Malta u Għawdex ta' bejn l-1798 u l-1800, sultat Franċiż li ried iqerr fir-Rabat, bagħtuh għandu fiż-Żebbuġ.[209] Huwa kien wieħed mill-firmitarji ta' petizzjoni li l-Maltin u l-Għawdxin xtaqu jibgħatu lill-Gran Mastru Fra Ferdinand de Hompesch fl-eżilju biex jerġa' jassumi l-kmant f'Malta u Għawdex wara t-tluq tal-Franċiżi. Firmitarji oħra kienu jinkludu lil Fra Reġinald Speranza O.F.M. Conv. u lil Kalċidon Speranza.[210] Għal xi żmien fi Frar tal-1803, huwa kien indispost jew barra miż-Żebbuġ, tant li l-Viċi-Kappillan Kurat ta' minfloku, Dun Publju Refalo,[211] tul it-treġġija tiegħu, tilef lil ommu, Veronika Refalo, armla ta' Mikiel, ta' 72 sena.[212] Tul il-parrokat ta' Dun Ġużepp Speranza saret il-pittura tad-Duluri fuq l-Altar tal-Kurċifiss, u twieled Dun Salv Galea.[213]




97. Fis-**16 ta' Novembru, 1808**, mietet fl-isptar **Anġelika Zammit**, mart Ġużeppi, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.




98. Fis-**6 ta' Frar, 1808**, mietet fl-isptar **Tereża Vella**, mart Ġużeppi, ta' 70 sena, u ndifnet fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex peress li mietet fir-Rabat.[214]




99. Fil-**21 ta' April, 1808**, mietet fl-Isptar tan-Nisa ta' 18-il sena **Roża Farrugia**, bint Ġużeppi u Marija, u ndifnet fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex.[215]




100. Fl-**24 ta' April, 1808**, miet fl-Isptar tal-Irġiel ta' 79 sena **Mikiel Camilleri**, bin Duminku, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[216]




101. Fil-**15 ta' Mejju, 1808**, mietet fl-Isptar tan-Nisa f'Għawdex ta' 25 sena **Margerita Mangion**, mart Franġisku, u ndifnet fl-Knisja Parrokkjali ta' Għawdex.[217]




102. Fis-**6 ta' Ottubru, 1808**, **Ursla Vella**, mart Franġisku, bil-Griżma tal-Morda biss minħabba li moħħha ma kienx jagħtiha biex tqerr u titqarben.[218]




103. Fl-**14 ta' Lulju, 1811**, mietet b'mewta ta' malajr **Evanġelista Saliba**.[219]




104. Fis-**29 ta' Ottubru, 1811**, mietet ta' 65 **Kjara Montenegro**. Din qegħdin insemmuha peress li kienet minn Malta.




105. Fil-**5 ta' Jannar, 1812**, miet fl-isptar tar-Rabat **Ġużeppi Zammit**, bin Silvestru.[220]




106. Fid-**19 ta' Marzu, 1812**, mietet f'darha b'mewta ta' malajr mingħajr Sagramenti **Anna Grech**.[221]




107. Fit-**28 ta' Ġunju, 1813**, ġrat disgrazzja fiż-Żebbuġ. **Salvu Dimech**, bin Franġisku u Ġlorma, miet ta' 5 snin wara li b'aċċident waqa' fil-bir u għereq.[222] Huwa twieled fiż-Żebbuġ fis-27 ta' Marzu, 1808, u tgħammed fl-istess jum mill-Kanonku Marku Antonju Cutajar, Viċi-Kappillan Kurat, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrini tiegħu kienu Marija Dimech, bint Franġisku u oħt it-tarbija, u Salvu Vella, bin Publju.[223] Missieru, Franġisku Dimech, bin Mikiel Anġlu u Anna Cini, iżżewweġ li Ġlorma Spiteri, bint Karlu u Grazzja, fis-7 ta' Awwissu, 1790, fil-Knisja Parrokkjali tal-Għarb. Żewwiġhom il-Kanonku Ġużeppi Schembri, waqt li x-xhieda kienu Dun Salv Tabone u Mattew Camilleri.[224] Huwa miet fiż-Żebbuġ

fl-4 ta' Diċembru, 1808, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[225] Dan ifisser li Ġlorma Dimech tilfet lil żewġha u lil binha fi ftit xhur, u li t-tifel laħaq lil missieru ħaj ukoll bi ftit xhur. Ommu mietet fiż-Żebbuġ fit-8 ta' Ottubru, 1841, ta' 71 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[226]




108. Fl-**20 ta' Lulju, 1813**, mietet fl-isptar tar-Rabat ta' 44 sena **Katerina Vella**, bint Franġisku.[227]




109. Fit-**3 ta' Ottubru, 1813**, sar id-delitt fuq **Antonju Zahra**, ta' 31 sena, fit-triq (mhix indikata). Għalkemm laħaq irċieva l-Griżma tal-Morda qabel ma miet, il-Kappillan ħass il-bżonn li jsemmi li f'dak l-istess jum, Antonju Zahra kien qerr u tqarben fil-knisja.[228] Bin Franġisku u Marija, huwa twieled fiż-Żebbuġ fis-16 ta' Ottubru, 1782, u tgħammed fl-istess jum mill-Kappillan Dun Ġużepp Speranza fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ bl-ismijiet ta' Pawlu, Antonju u Fakundu, li minnhom ħa t-tieni. Il-parrini tiegħu kienu Marinu Axiaq u Ursla Vella, bint Rafel.[229] Huwa żżewweġ lil Evangelista Cini, bint Nikol u Marija, fis-27 ta' Novembru, 1807, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Iċ-Ċelebrant kien il-Kanonku Marku Antonju Cutajar, Viċi-Kurat, waqt li x-xhieda kienu Dun Ġużepp Cefai u Anġlu Vella.[230] Missieru, Franġisku Zahra, bin Pawlu u Tummasika, iżżewweġ lil Marija Cini, bint Ċelestinu u Anna Attard, miż-Żebbuġ, fid-29 ta' Awwissu, 1762, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Iċ-Ċelebrant kien Dun Beninju Mizzi, tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex, waqt li x-xhieda kienu Kristofru Cassar (sagristan) u Antonju Dimech.[231] Hija twieldet fiż-Żebbuġ fit-18 ta' Frar, 1743, u tgħammdet fl-istess jum minn Dun Mikiel Anġlu Camilleri, miż-Żebbuġ. Il-parrina tagħha kienet Roża Aquilina, mart Marku, miż-Żebbuġ.[232] Hija mietet fiż-Żebbuġ fis-17 ta' Ottubru, 1799, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[233]

*Ikompli s-sena d-dieħla.*

**Abbrevjazzjonijiet**

A.K.A.: Arkivju Kurja Arċisqof
A.P.B.: Arkivju Parrokkjali Birkirkara (Sant' Elena)
A.P.K.: Arkivju Parrokkjali Katidral (Għawdex)
A.P.N.: Arkivju Parrokkjali Nadur
A.P.Għarb: Arkivju Parrokkjali Għarb
A.P.S.Ġ.: Arkivju Parrokkjali San Ġorġ (Għawdex)
A.P.V.P.S.: Arkivju Parrokkjali Valletta Porto Salvo
A.P.V.S.P.: Arkivju Parrokkjali Valletta San Pawl
A.P.Xagħra: Arkivju Parrokkjali Xagħra
A.P.Xewkija: Arkivju Parrokkjali Xewkija
A.P.Żur.: Arkivju Parrokkjali Żurrieq
A.P.Ż.: Arkivju Parrokkjali Żebbuġ
*D.O.: Documenta ordinationum*
*V.P.: Visita pastoralis*

**Referenzi**


Bezzina, J. (1989). *Sannat fi ġrajjet Għawdex*. Gozo, Parroċċa ta' Sannat.

Ferres, A. (1866). *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*. Malta.

Vella, G.A. (1963). *Iż-Żebbuġ u l-ġrajja tiegħu*. Gozo: Legion Press.

Vella, H.C.R. (2012). "Dun Franġisk Manueli u niesu. L-Ewwel Parti", *L-għolja taż-Żebbuġ* 70.29-35.

Vella, H.C.R. (2013). "Dun Franġisk Manueli u niesu. It-Tieni Parti", *L-għolja taż-Żebbuġ* 71.35-47.

Vella, H.C.R. (2014). "Mir-reġistru tal-imwiet tal-Parroċċa Arċipretali taż-Żebbuġ, Għawdex. L-ewwel parti: 1700-1761", *l-Għolja taż-Żebbuġ* 72.49-71.

Vella, H.C.R. (2015). *Katalgu ta' manuskritti, kotba u affarijiet oħra fil-Knisja Arċi-Matriċi Kolleġġjata Bażilka Arċipretali ta' Sant' Elena, Birkirkara.* (wasal biex jiġi ppubblikat fi tliet volumi).

Vella, H.C.R. (2016). *Katalgu ta' manuskritti, kotba u affarijiet oħra fil-Knisja Matriċi taż-Żebbuġ* (għadu qiegħed isir).

Vella, J. (1988). *Iż-Żebbuġ, il-Parroċċa ta' Santa Marija*. Żebbuġ, Għawdex.


Bernard Saliba-Grazzja Micallef | Xmun Caruana-Tumasa | Salvu Cefai-Imperja

Pawlu Saliba-Anjeża Caruana Scerri | Ambroġju Falzon-Katerina | Klement Saliba-Alonza

Wistin Saliba (35)-Anġelika Falzon Saliba | **Dun Tumas Saliba** (48) | Ġw. Anġlu Cefai-Katerina

Daniel Saliba-Marija Apap

Pietru Aquilina-Agostina | Xmun Tabone-Grazzja

Salvu Aquilina-Tereża Tabone Katerina | Ġwanni Marija Fava-Vittorja | Duminku Abela-

**Dun Xandru Aquilina** | **Dun Pietru Kożma Aquilina** (44) | Ġustinu Tabone-Marija Aquilina

Franġisku Fava-Roża Aquilina | Ġw. Duminku Aquilina – Roża Abela


Ġakbu Saliba-Margerita
Xmun Mintoff-Anġelika
Ġużeppi Galea-Wiġa
Antonju Apap-Evanġelista Micallef
Duminku Micallef-Pawla
Antonju Attard-Nażika Zammit
Bernard Saliba-Grazzja Micallef
Salvu Cefai-Imperja Attard
Leonardu Abdilla-Andreana
Ġw. Anġlu Cefai-Katerina Saliba
Duminku Vella-Katerina
Fabrizju Cassar-Petronilla
Karlu Camilleri-Iżabella Agius
Indrì Scerri-Speranza
Ġakbu Vella-Margerita Cassar
Klement Saliba-Alonza Scerri
Orazju Camilleri-Kristina Vella
Alonzu Stivala-Lawrenza
Daniel Saliba-Marija Apap Formosa
Franġisku Camilleri
Natal Madiona-Margerita
Pawlu Saliba-Agata
Ġakbu Attard-Marija
Ġlormu Tanti-Katerina
Indrì Cini-Andreana (73)
Ġw. Battista Zahra-Marija Laurier
**Dun M. Anġlu Camilleri**
Antonju Cini-Speranza Zahra
Lawrenz Saliba-Anġelika Madiona
**Kan. Pietru Cini**
Ġw. Indrì Cini-Ubaldiska Saliba
Filippu Attard-Margerita
**Sor Marija Cini**
Ċelestinu Cini-Anna Attard Tanti
Ewġenju Camilleri-Kjara Cini
Franġisku Attard-Duminka
Anġlu Cini Saliba
Karmelu Attard (56)-Marija Camilleri
M. Anġlu Attard-Vittorja
Indrì Camilleri-Evanġelista Attard
Xmun Zammit-Margerita Cumbo
Nikola Apap-Madalena
**Dun Ġwanni Battista Camilleri**
Tumas Zammit-Marija Abdilla
Mikiel Camilleri-Marija Apap
Ġlormu Cini-Katerina
Mikiel Camilleri
Indrì Camilleri
Antonju Camilleri-Margerita Andreana
Salvu Cutajar-Marija
Mikiel Galea-
Ġw. Marija Caruana-Margerita Farrugja
Ġorġ Zerafa-Marija Saliba
Ġlormu Cremona-Katerina
Antonju Caruana-Marija Galea
Vitor Zerafa-Anġelika Cremona
Xmun Aquilina-Anna
Ġużeppi Camilleri-Speranza Caruana
Ġorġ Zerafa-Evanġelista Aquilina
Pawlu Zahra-Tummasika
Pawlu Cini (65)
Anġlu Attard-Margerita Zerafa (63)
Franġisku Zahra-Marija Cini
Mikiel Attard
Vinċenz Abdilla-Grazzja Mintoff
Salvu Zammit-Marija
Orazju Cassar-Katerina
Franġisk Abdilla-Tereża Zammit
Ġlormu Stivala-Grazzja Zammit
Ġwanni Abdilla-Antonja Zerafa
Duminku Cassar-Katerina Abdilla
Klement Abdilla
Kristofru Cassar-Marija Galea Roża
Injazju Cutajar-Andreana Abdilla
Antonju Cini-
Rożarju Cassar-Marija Cini
Indrì Cutajar-Agata Saliba
Ġużeppi Camilleri-? Abdilla
Benedittu Formosa-Andreana Cremona Cremona
Antonju Zahra (108)-Evanġelista Cini
Ġw. M. Buttigieg-Marija

**Kjerku Ġwanni Manueli**

Mattew Manueli | Franġisku Manueli | Ġlormu Bigeni-Margerita Micallef

Antonellu Manueli | Ġulju Manueli-Katerina | Ġw. Antonju-Katerina

Ġw. Pawlu Manueli-Marija Bigeni | Marċellu Cassar-Marija

**Ġw. Marija Manueli-Anġelika Cassar**

Indrì Manueli-Vittorja Mizzi | Orazju Manueli-Katerina Saliba | Ġużeppi Manueli

Ġw. Duminku **sive** Marċellu Manueli-Anna Mangion | Ġużeppi Manueli-Grazzja Spiteri

**Sor Marija Manueli** | Ġw. Pawlu Manueli-Ursla Saliba | Roża Manueli

Ġw. Marija Manueli-Liberata Agius

**Kan. Anġlu Manueli** | Ġulju Mercieca-Marija Pace

Ġw. Marija Manueli-Alberta Mercieca

M. Anġlu Manueli-Duminka Genovese | **Dun Franġisk Manueli** (60) | Antonju Manueli-Marija Filippone

-Anna D'Alfonso

Tumas Zahra Anġelika *sive* Katerina Manueli | Alfonsa Manueli

Marju Manueli | Orazju Galea-Rożarja Manueli | Mikiel Galea-Agata Manueli

Petrinu Cini-Roża | Mikiel Vella-Anna

Ġorġ Cini-Feliċità Camilleri (67) | Franġisku Axiaq-Grazzja Vella | Franġisku Vella-Kjara Refalo

Ġw. Marija Cini-Marija Axiaq / Marija Vella

Marċellu Vella-Margerita Vella

---

Antonju Speranza

Indrì Speranza-Grazzja Marija | Bernard Speranza | Feliċ Grech-Anna

**Dun Ġużepp Speranza** (96) | Ġiljan Speranza-Teresa | Ġuditta Speranza

Lawrenz Speranza | -Ursla | Mikiel Speranza

**Patri Reginald Speranza O.F.M. Conv.** | **Kj. Kalċidon Speranza**-Antonja | Ġużeppi Speranza

**Kj. Salvu Speranza**-Modesta Grech | Emanuel Speranza | Indrì Speranza

Ġużeppi Speranza | Fortuna Speranza | Vinċenz Speranza

Vinċenz Speranza | Mikiel Speranza | Tereża Marija Speranza

Roża Speranza

| | | |
|---|---|---|
| Ġw. Indrì Cini-Ubaldiska Saliba | | |
| Ġużeppi Farrugia-Anna Roża Mizzi | Lawrenz Gatt-Roża | Duminku Dimech-Anjeża |
| Ġorġ Farrugia-Speranza Gatt | M. Anġlu Dimech-Anna Cini | Karlu Spiteri-Grazzja |
| Alessandru Cini-Roża Zerafa Spiteri | Ġużeppi Zammit-Anġelika Borg | Franġisku Dimech-Ġlorma |
| Anġlu Calleja-Kunċetta Bezzina Dimech | Lawrenz Cini-Ġużeppa Zammit | Franġisku Farrugia-Ċeċilja |
| Ġużeppi Calleja-Marija Cini Cini | Publju Cini-Tereża Farrugia | Franġisku Zammit-Anna |
| Girgor Vella-Marija Saliba | Ġużeppi Tabone-Grazzja Farrugia | Marċellu Vella-Ġużeppa Galea |
| Marija Vella Scicluna | Mikiel Vella-Ursla Tabone | Franġisku Farrugia-Anġla |
| Rużarju Axiaq-Tereża Vella | Ġw. Marija Zahra-Marija Cini | Ġużeppi Vella-Roża Farrugia |
| Pawlu Axiaq-Marija Axiaq | Bastjan Axiaq-Annunzjata Zahra | M. Anġlu Vella-Marija Vella |
| **Dun Fortunatu Axiaq** | Franġisku Calleja-Roża Vella | Girgor Zammit-Marija Camilleri |
| Daniel Zerafa-Modesta Vella | M. Anġlu Dimech-Antonja Sultana | Mikiel Cefai-Karmela Galea |
| Ġużeppi Dimech-Katerina Zerafa | **Dun Indrì Dimech** | Ġużeppi Cini-Roża Zahra |
| M. Anġlu Dimech-Marija Vella | Ġużeppi Cini-Marija Dimech | Salvu Cini-Antonija Dimech |
| Ġużeppi Dimech-Roża Dimech Vella | Salvu Cefai-Marija Agius | Ġużeppi Cini-Evanġelista |
| Martin Cefai | -Katerina Cini | Franġisku Cefai |

---

| | | |
|---|---|---|
| **Dun Anton Dimech** | Antonju Dimech | Pawlu Cefai |
| Mikiel Cutajar-Anna Cini Dimech | Antonju Dimech-Marija Cassar | Feliċ Camilleri-Marija |
| Mikiel Zammit-Roża Cutajar | Ġużeppi Zahra-Anġelika Camilleri | Salvu Dimech (107) |
| Antonju Zammit-Marija Zahra | Ġużeppi Zammit-Antonja Zahra | Ġw. Indrì Vella-Margerita Zahra |
| Wiġi Vella-Marija Meilaq | **Dun Ġużeppi Vella** | Karlu Dimech-Tereża Galea |
| **Mons. Ġwanni Indrì Vella** | **Dun Karm Vella** | Ġużeppi Farrugia-Roża Spiteri |
| Franġisku Dimech-Annunzjata Grima | **Fra Paskal Farrugia O.F.M. Cap.** | **Fra Dumink Farrugia O.f.M. Cap.** |

*Horatio Caesar Roger Vella huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.

1 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *functa solu[m] sac[ramen]to extremae unctionis ob incapacitate[m] infirmitatis.*
2 A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
3 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
4 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
5 A.P.Għarb, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
6 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
7 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
8 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *functo solu[m] s[acramen]to extremae unctionis, q[ui]a ineptus erat redditus ab infirmitate.*
9 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *sine sac[ramen]tis ob morte[m] subitanea[m] q[ue]m aquisivit casualiter cadendo e scalibus domus suae.*
10 A.P.Ż., Liber baptizzatorum, sub die baptismi.
11 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
12 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *morte subitanea improvisa correpta, nullo recepto sac[ramen]to.*
13 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.* Ursla Camilleri, bint Duminku u Grazzja, twieldet fit-7 ta' Novembru, 1684, u tgħammdet minn Dun Bernardin Haber fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Il-parrinu tagħha kien Dun Mattew Cini (A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).
14 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
15 Jissemma l-ewwel darba fiż-żwieġ bejn Tumas Bonnici u Anna Schembri li seħħ fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fit-30 ta' Mejju 1730, u l-aħħar darba fiż-żwieġ ta' bejn Baltassar Borg u Ġovanna Cremona fl-istess knisja fit-22 ta' April, 1738 (A.P.S.Ġ., *Liber matrimoniorum, sub diebus matrimoniorum*).
16 A. Ferres (1866), 605.
17 A.K.A., *V. P.* (1744).
18 G.A. Vella (1963), 39.
19 J. Vella (1987), 37.
20 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
21 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *p[er] me Parocu[m] V[incentium] Tabone filiu[m] eiusde[m].*
22 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: recepto solum sac[ramen]to extremae unctionis, morbo eni[m] apopletico correpta.
23 A.P.S.Ġ., *Libri baptizzatorum, sub die baptismi.*
24 A.P.B., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
25 A.P.S.Ġ., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
26 A.P.S.Ġ., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
27 A.P.S.Ġ., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
28 A.P.S.Ġ., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
29 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *recepto solum sac[ramen]to extremae unctionis.*
30 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *in hospitali S[ancti] Joannis Hieroso[lymita]ni Civitatis Valletta, ubi obiit.*
31 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *nullo suscepto sac[ramen]to (repentina eni[m] morte correpta).*
32 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
33 A.P.N., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
34 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
35 A.P.Xewkija, *Liber defunctorum, sub die mortis.*
36 A. Ferres (1866), 586.
37 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
38 J. Bezzina (1989), 200-203.
39 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *De licentia sui parochi, cuius corpus sepultum est in S[acrae] Par[ochia]li Eccl[es]ia Divi Georgij huius suburbij.*
40 A.P.S.Ġ., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
41 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *recepto solum sa[cramen]to extremae unctionis, destitutus eni[m] fuit sensib[us].*
42 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
43 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
44 A.K.A., *V.P.* (1723) and *V.P.* (1736).
45 A.K.A., *V.P.* (1760).
46 A. Ferres (1866), 606. Dun Anġlu Bonnici, tabib ukoll, miet fir-Rabat fl-20 ta' Diċembru, 1757, ta' 70 sena, u ndifen fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).
47 A.P.S.Ġ., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
48 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
49 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
50 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
51 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *morte repentina correptus.*
52 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *munita solum extrema unctione.*
53 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *morte repentina correptus.*
54 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *receptis sac[ramen]tis Poen[itent]iae et Comun[ion]is in hospitali huius Magni Castri, domi vero suae repente mortua.*
55 A.P.S.Ġ., *Liber defunctorum, sub diebus mortis.*
56 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *Quia mente capta et destituta sensib[us], recepto solum sac[ramen]to extremae unctionis.*
57 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *nullo recepto sac[ramen]to; fulgere enim interempta.*
58 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
59 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
60 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
61 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
62 H.C.R. Vella (2014), 61.
63 A.P.K., *Libri baptizzatorum, sub die baptismi.*
64 A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
65 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
66 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
67 A.P.V.S.P., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
68 A.P.K., *Libri defunctorum, sub die mortis.*
69 A.P.K., *Libri defunctorum, sub die mortis.*
70 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
71 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *munitus s[a]c[ramen]to extremae unctionis, q[ui]a repente destitutus sensib[us].*
72 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
73 A.K.A., *V.P.* (1736).
74 A.K.A., *V.P.* (1736).
75 A.K.A., *V.P.* (1744).
76 H.C.R. Vella (2014), 55.
77 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
78 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
79 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub diebus baptismi.*
80 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub diebus mortis.*
81 A.P.V.P.S., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
82 A.P.Żur., *Liber matrimoniorum, sub diebus matrimonii.*
83 A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub diebus matrimonii.*
84 A.P.Għarb, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
85 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
86 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub diebus baptismi.*
87 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub diebus mortis.*
88 H.C.R. Vella (2016), A2659 (numru temporanju).
89 A.P.S.Ġ., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
90 H.C.R. Vella (2016), A2628 (numru temporanju).
91 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
92 A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
93 A.P.V.P.S., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
94 A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
95 H.C.R. Vella (2014), 55.
96 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
97 A.P.Għarb, *Liber defunctorum, sub die mortis.*
98 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
99 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
100 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
101 H.C.R. Vella (2015a), ms. 1146 (temporary number).
102 H.C.R. Vella (2015a), ms. 528.8 (temporary number).
103 H.C.R. Vella (2015a), mss 526, 527 and 819 (temporary numbers).
104 H.C.R. Vella (2015a), mss 526, 529, 822, 851, and 1214 (temporary numbers).
105 H.C.R. Vella (2015a), mss 527 and 528 (temporary numbers).
106 H.C.R. Vella (2015a), ms. 819 (temporary number).
107 H.C.R. Vella (2015a), mss 861 and 862 (temporary numbers).
108 H.C.R. Vella (2015a), mss 818, 853 and 860 (temporary numbers).
109 H.C.R. Vella (2015a), mss 818, 860, and 1141 (temporary numbers). The individuals who made petitions to the Bishop were Saviour Cini, Francis Scerri and Master Francis Portelli from 1843 to 1858, probably from Żebbuġ and descendants of John Mary Manueli.
110 H.C.R. Vella (2015a), mss 16, 529 and 839 (temporary numbers).
111 Iktar fuq Dun Franġisk Manueli u l-familja tiegħu, ara H.C.R. Vella (2012), 29-35, u H.C.R. Vella (2013), 35-47.
112 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *morte repentina correpta.*
113 A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
114 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *absque ullis receptis sac[ramen]tis.*
115 Ara H.C.R. Vella (2014), 63.
116 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
117 A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
118 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
119 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
120 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
121 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *in S[acri] Hospitali.*
122 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *Eius tamen corpus, quia ita disposuit, sepultum fuit in Eccl[esi]a S[acra] Par[ochia]li Casalis Xeuchia, in qua parochia recepit sac[ramen]ta, et obiit.*
123 A.K.A., *V.P.* (1809).
124 G.A. Vella (1963), 60.
125 A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub diebus matrimoniorum.*
126 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
127 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.* Hi ma setax kellha 66 sena meta mietet, kif hemm imniżżel fir-reġistru, imma 71 sena, id-differenza bejn l-1783 meta twieldet, mill-1854, meta mietet.
128 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *nullo recepto sac[ramen]to quia morte subitanea correpta.*
129 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *inventus mortuus in loco alpestri intra limites huius Parochiae, ideoq[ue] nullis receptis sac[ramen] tis, de parochia Casalis Caccia; ex mandato tamen R[everendissi]mi Provicarij, illius cadaver translatum et sepultum fuit in hac S[acra] Eccl[esi]a Par[ochia]li.*
130 G.A. Vella (1963), 48-49. Vella jagħti d-data ħażina, dik tat-2 ta' Ottubru, 1794.
131 A.P.Xagħra, *Liber defunctorum, sub die mortis*: *"Hayn Emhalil".*
132 A.P. Xagħra, *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*

133 A.P.Xagħra, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
134 A.P.Xagħra, *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
135 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: morte subitanea correpta.*
136 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: inhospitali.*
137 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: Quia tamen ita voluit et disposuit, eius corpus delatum et sepultum fuit in S[acra] Eccl[esi]a Collegiata et Matrice huius Insulae.*
138 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: morte subitanea correptus.*
139 J. Vella (1987), 35.
140 H.C.R. Vella (2014), 53.
141 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.* Dun Anġlu Vella kien mir-Rabat fejn miet fit-30 ta' Jannar, 1744, ta' 70 sena, u ndifen fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).
142 A.K.A., *V.P.* (1729).
143 A.K.A., *V.P.* (1736).
144 A.K.A., *V.P.* (1744).
145 A.K.A., *V.P.* (1781).
146 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
147 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
148 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: recepto solu[m] sac[ramen]to confessionis.*
149 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: morte repentina correptus.*
150 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: Eius corpus de expressa licentia mei parochi sepultum est in viceparochia Divi Georgii.*
151 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
152 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: in hospitali huius Insulae ubi obiit et sepulta gratis in Eccl[es]ia Divi Georgij.*
153 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: morte repentina correpta.*
154 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: morte subitanea correpta.*
155 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: morte subitanea correptus.*
156 A.K.A., *V.P.* (1755).
157 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: morte subitanea correpta; gratis ob amore[m] Dei.*
158 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
159 A.P.Xagħra, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
160 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
161 A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
162 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
163 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
164 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
165 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: omnibus sacr[a]mentis, excepto ob inopinatam sensuum omission[m] viatico, refectis.*
166 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: su[sce]ptis, excepto ob co[n]tinuam evomitione[m] S[ancto] viatico, reliquis Sacramentis.*
167 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: su[sce]pto tantummodo extremae unctionis sacramento ob omissionem subitaneam omnium sensuum.*
168 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: absque susceptione ullius Eccl[esi]ae Sacramenti.*
169 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: nullo refectus sacramento ob iniuriam suorum.*
170 A.P.Ż, *Liber defunctorum, sub die mortis: A dicta mortua per sectionem coesaream extractus infans, qui donei ab adstantibus baptizatus, unius horae quadrante elapse, mortuus est.*
171 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: susceptis tantummodo ob inopinatam sensuum amissionem S[anctissimis] Sacramentis Poenitentiae et Extremae Unctionis.*
172 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: qui cum fuisset a nativitate usque adhuc mentis expers, solo Sacramento Extremae Unctionis refectus fuit.*
173 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: morte subitanea correptus.*
174 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: recepto solu[m] Sac[ramen]to Extremae Unctionis.*
175 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: uti disposuit oretenus cora[m] Parocho et testib[us].*
176 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: munitus Sacramentis casus idrota ?? Eucharistiae tantum.*
177 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
178 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
179 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
180 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub diebus baptismi.*
181 A.P.S.Ġ., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
182 A.P.S.Ġ., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
183 A.P.S.Ġ., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
184 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
185 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
186 A.P.S.Ġ., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
187 A.K.A., *D.O.* 10, f.6v. (serje ġdida)
188 A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
189 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
190 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
191 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
192 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
193 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
194 A.P.S.Ġ., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.* Modesta Speranza mietet fir-Rabat fid-29 ta' Marzu, 1789, ta' 45 sena, u ndifnet fil-Knisja ta' Santu Wistin fir-Rabat (A.P.S.Ġ., *Liber defunctorum, sub die mortis*).
195 Fortuna Speranza twieldet fir-Rabat fit-12 ta' Marzu, 1787, u tgħammdet l-għada mill-Viċi-Kappillan Dun Nikol Grima. Il-parrini tagħha kienu Dott. Girgor Bajada u zitha, Marija Tereża Speranza (A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*).
196 A.K.A., *D.O.* 4, f.139v.
197 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
198 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
199 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
200 A.P.S.Ġ, *Liber defunctorum, sub die mortis.*
201 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
202 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
203 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
204 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
205 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
206 A.P.S.Ġ., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
207 A. Ferres (1866), 605.
208 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub notae die: Io, sotto scritto, dico d'aver ricevuto dal R[everend]o Sig[no]r Paroco di Casal Zebug, D[on] Gioseppe Speranza tarì cinque, candele tre p[er] quarta funeraliu[m] toccante all' Ill[ustrissi]mo Monsig[no]r Vescovo. D[on] Salvadore Gauci, Com[missionat]o.*
209 G.A. Vella (1963), 47-48.
210 G.A. Vella (1963, 255.
211 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub Michael Aquilina mortis a.d. XV Kal. Mar., a.D. MDCCCIII.*
212 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
213 J. Vella (1987), 38-39.
214 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: quia in hospitali dictae Insulae migravit e saeculo.*
215 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: quia in hospitali mulierum ejusdem Insulae animam Deo reddidit.*
216 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: ex hospitali virorum hujus Insulae, et ejus corpus translatum fuit Ecclesiae Casalis Zebbug.*
217 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: Quamvis animam Deo reddidit in hospitali mulierum huius Insulae Gaulos.*
218 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: Extremae Unctionis Sacramento solummodo refecta ob mentis imbecillitatem.*
219 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: repente mortua.*
220 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: in xenodochio suburbis.*
221 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: in domo suae habitationis repente e vivis sublata est, nullo refecta Sacramento.*
222 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: qui fortuito cecidit in puteum, et inter aquas submersus fuit.*
223 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
224 A.P.Għarb, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
225 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
226 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
227 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: in xenodochio suburbij.*
228 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis: Extrema Unctione refectus; nihilominus, eodem die adhuc vivens receperat devote Poenitentiae et Eucharistiae Sacramentum.*
229 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
230 A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
231 A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
232 A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
233 A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

